MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 322/2013

**Joseph Bonello**

**Vs**

**Francis Abela**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt elef, mitejn u sitta u hamsin Ewro u disghin centezmu (€6,256.90) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu dovut lill-attur ghal diversi konsenji ta’ cangaturi u gebel mibjugha u kkonsenjati lilu.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza, kif ukoll tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1388/2013 pprezentata nhar l-14 ta’ Gunju, 2013 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut Francis Abela minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2014 il-konvenut ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, mitejn u sitta u hamsin Ewro u disghin centezmu (€6,256.90) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu dovut, bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, kif ukoll tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1388/2013 pprezentata nhar l-14 ta' Gunju, 2013 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut Francis Abela.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------